# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.1 – 2.2

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni 1.1/1.2: Il-ħbieb veri (Żewġ lezzjonijiet)**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jifhmu li aktar kemm jikbru aktar iċ-ċirku tal-ħbie
2. Jifhmu l-importanza tal-imġiba tajba ma' kulħadd.
3. Jikkonsolidaw kif għandhom igibu ruħhom mal-ħbieb.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Presenation* bi stampi ta' tfal jilagħbu.
- *The Friendship Song*

  http://www.youtube.com/watch?v=z6VIaZ-eCQQ



- Karta ta' Taħriġ 2.1 – Il-ħbieb veri.

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Uri l-istampi ta' tfal jilagħbu flimkien.
- Iddiskuti x'qed jaraw fl-istampi. Agħti kas għad-dettalji.
- Wassal lit-tfal jifhmu li t-tfal tal-istampi huma ħbieb.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Staqsi: Kif tkun taf li xi ħadd huwa ħabib/a tiegħek?
- Aqsam il-klassi fi gruppi ta' 4 jew 5. Kull grupp irid jagħmel lista t'affarijiet li ħabib/a j/tagħmel magħna .
- Aqsam il-bord fi tnejn. Fuq naħa ikteb l-affarijiet li kitbu huma u fuq in-naħa l-oħra ikteb l-atteġġjament il-kontra ta' dak li qalu huma eż: ħabiba tismagħna meta nkellmuha mela meta xi ħadd ikun qed jitkellem ma' xi ħaddiehor waqt li qed inkellmuh ma jkunx qed jurina li jħobbna u jirrispettana.
- Agħti sitwazzjoni bħal dik li ssemmiet lill-gruppi u jridu jirreċtawha, eż: tifla ma tħallix lil tfal oħra jilagħbu magħha u ma' ħabiba tagħha, tifla titkellem ma' tifla oħra u din ma tagħtix kasha.
- Wara kull *sketch* staqsi:
    - Aħna nixtiequ li xi ħadd jagħmlilna bħalma din it-tifla għamlet lill-ħabiba tagħha? Mela la aħna ma nixtiqux min iwarrabna jew ikun goff magħna, aħna ma nagħmlux hekk lil ħaddiehor.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.1.

- Iddiskuti l-istampi f'Attività 1. Aqra s-sentenzi u bħala klassi għin lit-tfal jaslu biex iqabbli l-istamp mas-sentenzi.

- Aqra Attività 2 u tista' tistaqsi biex it-tfal jgħaqqdu l-biċċiet tas-sentenza.

- Iddiskuti Attività 3 ta' Sam u Tara.

- Asal għall-punt importanti li huma mħabba u rispetta meta nisma' b'attenzjoni lil min ikun qed ikellimni.

- Agħlaq bis-song: http://www.youtube.com/watch?v=z6VIaZ-eCQQ

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Dak li nixtiequ li ħaddiehor jagħmel lilna aħna nagħmluh lil ħaddiehor.
2. Nuru rispett lejn kulħadd.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jaħdmu biex dejjem juru rispett lejn ħbiebhom. Jagħmlu li jistgħu biex jieħdu ħsieb xulxin kif jixtiequ li ħaddiehor jieħu ħsieb lilhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Role play
- Jisimgħu u jitgħallmu jkantaw: ***The Friendship Song*** http://www.youtube.com/watch?v=z6VIaZ-eCQQ



## Nitolbu



Ġesù, għinna nħobbu u nirrispettaw lil kulħadd, għinna niftakru li l-ħbieb tajthomlna inti biex inkunu ferħanin.